**KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA**
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

TAS-SLIEMA

**TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL**
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 49

Id-disa u għoxrin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tnejn 14 ta' Diċembru 2015 fis-6.15pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUZATI** | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| **PREŻENTI** | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
6. *Aġġornament*

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 48_26/11/2015.

1.2 Intalbet li ssir korrezzjoni li dakinhar tas-seduta l-Kunsillier P. Portelli ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fit-8.30pm u ma tnizzlitx. Kien hemm qbil li tizdied. *Korrezzjonijiet tal-minuti*

1.3 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-punt 2.22 u talab li tizdied il frazi 'Il-Kunsillier P. Radmilli osserva li tlieta minn ħames rebbieħa m'għadhomx magħna.'

1.4 Dwar punt 2.23 kien hemm qbil li tizdied il-frazi 'Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw tagħmel verifikiazzjonijiet kif maqbul.'

1.5 Dwar punt 2.18 għandha tizdied li z-*zebra crossing* hija ta' fejn l-Ambaxxata Germaniza fi Triq it-Torri.

1.6 Dwar il-bankina ta' fejn Cafe Roma biex jinħoloq passaġġ aktar sigur, is-Sindku wieġeb li din ġiet approvata mit-TM izda l-Kunsill reġa talab għal xi modifikazzjonijiet oħra.

1.7 Dwar punt 2.30 kien hemm qbil li tizdied il-frazi 'Kien hemm qbil dwar dan.'

1.8 Dwar punt 2.31 il-frazi għandha tiġi koretta kif ġej 'Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-*Environmental Planning Statement* dwar l-impatt tat-traffiku f'Townsquare u qal li jekk fil-verzjoni l-ġdida tal-EPS m'hemmx mizuri għall-immaniġjar tat-traffiku aħjar, il-Kunsill izomm l-istess pozizzjoni.

1.9 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti. Il-Kunsilliera V. Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti*

## 2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

2.1 Is-Sindku informa li l-laqgħa dwar l-ECO wardens għada ma saritx. Il-Kunsillier P. Radmilli spjega li l-presentazzjoni li saret mir-Regjun dwar ir-riforma l-ġdida kienet interessanti pero sfortunatament dwar l-ECO Wardens hemm tnejn biss għal Malta kollha. Is-Sindku qal li ġie diskuss ukoll il-fatt li f'ċertu ċirkustanzi l-anqas gwardjani lokali għal mal-krejnijiet ma jkun hemm u Riforma – Gwardjani lokali

qalulna li din se tipprova tittranġa billi jdaħħlu aktar gwardjani u sa' Marzu jista jkun hemm bidla.

2.2 Is-Sindku informa li l-laqgħa tal-*catering establishments* dwar l-iskips għada ma saritx. *Skips – catering establishments*

2.3 Dwar il-*hawkers* reġgħet intalbet il-laqgħa mal-pulizija *hawkers*

2.4 Il-Kunsill ġie infurmat li l-camera ta' Qui si Sana se titwaħħal dalwaqt u l-laqgħa se ssir għada. *Camera – Qui Si Sana*

2.5 Is-Sindku informa dwar il-laqgħa li saret tat-*Tourism Zones* fejn ġie diskuss li jrid ikun hemm titjib fil-latrini pubbliċi. Għandha tizdied waħda x-Xatt u x-Xatt ta' Tigne (taħt il-MIDI) u x'inħawi oħra. Is-Sindku issuġġerixxa wkoll li għandu jkun hemm fuq il-*beach* sabiex ikun hemm faċilita ta' *showers* u anke *lockers*. *Toursim Zones*

2.6 Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jzejjen bid-dekorazzjonijiet li kien xtara tal-Milied il-parti quddiem il-Kunsill stess. *Tizjin tal-Milied*

2.7 Is-Sindku spjega li saret kommunikazzjoni ma tal-Orkestra tal-Junior College għall-attivita fi Pjazza Sant' Anna u minħabba l-Kunsill ma ltaqax ma kellux l-opportunita li jressaq l-ammont għall-approvazzjoni u qal li jekk hemm bzonn iħallas il-pagament hu personalment. Ma kienx hemm qbil dwar dan. Il-Kunsilliera M. Aquilina proponiet li dan għandu jitħallas mill-Kunsill għall-attivita li saret mill-Kunsill stess. Il-Kunsillera N. Castaldi Paris issekondat. Kien hemm qbil dwar dan. *Ħlas tal-Orkestra*

2.8 Dwar il-*beach ladders* il-Kunsill ġie infurmat li hemm xi ħadd min-naħa tal-Gvern li jistghu jaħdmuhom. *Beach ladders*

*Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw daħlet għas-seduta 6.55pm*

2.9 Is-Sindku informa dwar id-delegazzjoni ta' Bialystok li ser tkun qed izzur Tas-Sliema f'Dicembru. Informa li se jkun qiegħed jibgħat il-programm *draft* u saqsa lill-Kunsilliera min jista jakkumpanjah. *Delegazzjoni Poland*

**3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI TAL-KONTIJIET**

3.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-pagamenti tal-kontijiet.

3.2 Il-Kunsillier J. Pillow irrmarka dwar il-kont tal-GO għaliex fi Triq Bisazza m'hemmx servizz ta' WI-FI

3.3 Ġie nnotat li hemm diversi pagamenti dwar tiswija ta' drenaġġ fil-latrini pubbliċi. Is-Sindku tkellem ma' Ramon Deguara tal-Cleansing Department għaliex hemm problema kif inhi s-sistema u forsi jekk jiġu irranġati, tinħoloq pozizzjoni oħra. Il-Kunsillier J. Pillow fakkar li kienet saret diskussjoni dwar l-uzu tal-latrina pubblika mit-Torri. Is-SE spjega kif it-Torri huwa tal-Lands u ma nafux kif kien sar ezatt il-ftehim. Madankollu il-Kunsill qabel li għandu jkun hemm tip ta' kumpens meta jkun hemm xi ħsarat bħal dawn.

3.4 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka kif qiegħed ikun hemm diversi pagamenti dwar ħsarat jew servizz ieħor tas-sistema telefonika mil-Comsec. Kien hemm qbil li l-Kunsill jinvesti f'sistema telefonika oħra.

*Il-Kunsillier P. Radmilli ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fis-7.15pm*

3.5 Il-Kunsilliera V. Galea Pace fakkret li kienet talbet diversi drabi li l-istaff jkollhom *name tag* kif ukoll jgħidu isimhom malli jirrispondu t-telefon. Kien hemm qbil dar dan.

3.6 Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet dwar il-pagament lil Med Developers. Ġie spjegat li dan kien għad-dizinn tal-*Junction* kif kien mitlub mil-MEPA biex b'hekk ikun jista jitkompla l-proċess tal-applikazzjoni tal-*car park*.

3.7 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka dwar il-pagament lil M Quip hu rrimirka li *Xylophone* huwa difettuz. Kien hemm qbil li l-kont jitħallas u jitnaqqas l-ammont tal-parti tal-*Xylophone*.

3.8 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-pagament 57 lil Nexos. Il-Kunsill ġie infurmat li fiz-zmien Diċembru 2014/Jannar 2015 meta kien hawn it-Taljani jarmaw tal-Milied, kienu ntilfu xi *timers*.

3.9 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka l-pagament bin-numru 62 dwar bozoz hu wieħed għoli. Kien hemm qbil li l-Kunsill jara kumpaniji oħra ukoll.

3.10 Is-Sindku ressaq l-lista tal-pagamenti ghall-approvazzjoni. Il-Kunsilliera V. Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil unanimu

*Approvazzjoni tal-pagamenti.*

fost il-Kunsilliera prezenti.

## 4. RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO KUMITATI

4.1 Il-Kunsillier J. Pillow propona li għandu jsir *hoist* ghal persuni b'dizabilta fejn l-Exiles biex tkun fuq il-moll għall-aċċessibbilta tal-*wheelchairs* flok il-bandla li kellha ssir għad-disabled fi gnien Margaret Mortimer. Kien hemm qbil li ssir. *Disabled hoist*

4.2 Il-Kunsilliera N. Castaldi Paris qalet li hemm bzonn li fil-bankini jkun hemm *slopes* fil-kantunieri (minn Tower Road fejn Zara sal-Fortizza). Is-SE informa li l-Kunsill applika għal skema b'dan il-proġett mad-DLG, izda l-Kunsill għad m'għandux risposta intgħazilx jew le. Is-SE qal li l-Kunsill xorta jista jiddeċiedi biex jinkludi fil-*budget* li jmiss dan il-progett u jekk jiġu l-fondi ikun aħjar. Is-Sindku propona li nkellmu l-perit Bezzina għal stima u jara x'hemm bzonn li jsir. Is-Segretarju qal li l-istima diga ghandna u filfatt kienet parti mill-applikazzjoni tal-istess fondi msemmija qabel. Kien hemm qbil dwar dan. *Slopes -Bankini*

4.3 Il-Kunsilliera M. Aquilina infurmat lill-Kunsill li avviċinawa tal-*Malta Wheelchair Basketball Association* li ħadu sehem il-Ħadd li kien parti mil programm 'Tas-Sliema Wirt u Niesha' fejn apprezzaw il-fatt li ġew involuti u appellaw biex forsi is-Sindku javviċina Sindki oħra biex ikunu involuti f'okazzjonijiet ta' Kunsilli oħra. *Malta Wheelchair Basketball Association*

4.4 Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw irrimarkat li is-Sibt kien hemm traffiku enormi waqt l-attivita 'Tas-Sliema Wirt u Niesha'. Il-Kunsill ġie infurmat li ser jsir *post mortem* ta' din l-attivita fil-prezenza tal-Kunsillier D. Muscat. *Tas-Sliema Wirt u Niesha*

4.5 Is-SE ressaq il-kwotazzjonjiet dwar il-*camera* fi Triq Bisazza. Kien hemm erbgha offerti u hemm differenzi kemm fil-prezz u kemm fil-kwalita tal-*cameras*. Is-SE spjega ukoll li issa li se nkunu qegħdin nosservaw zewġ postijiet, inkluz Pjazza Sant' Anna. Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħzel l-offerta ta' *Securetech.* *Camera Bisazza/Pjazza Sant'Anna*

4.6 Is-Sindku irrefera għal laqgħa mas-Sur Haig tat-TM flimkien mal-Kunsilliera V. Galea Pace fejn ġew diskussi t-tneħħija tas-servizz propost li kellu jaqdi aħjar ir-residenti ta' Tigne. Fuq ir-rotot imħabbra ġodda l-Kunsill kellu jagħti *feedback* fl-laqgħa li għandha ssir wara l-10 ta' Jannar 2016 mal-Ministru J. Mizzi. Is-SE għandu jikkomunika mas-Segretarja tal-Ministru. Fir-rigward tac-*Circular* *Trasport u Komunikazzjonijiet*

*Bus* it-TM għalissa ma jistgħux jintroduċċu din is-sistema pero ma jsibux diffikulta jekk is-servizz ikun organizzat u jitħallas mill-Kunsill. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera L. Cassar Shaw biex hi tgħin din il-laqgħa issir mill-aktar fis u tikkomunika mal-Ministeru konċernat. Il-Kunsillier L. Cassar Shaw qalet li ma tħossx li qegħda biss biex tagħmel il-kuntatti għaliex isiru diversi laqgħat li ma jiġux mistiedna għalihom. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qalet li jkun tajjeb li kieku għal laqgħat mal-Ministeri ikun hemm prezenti jew hi stess jew il-Kunsillier D. Muscat jew il-Kunsilliera M. Aquilina għaliex temmen li tista tgħin is-sitwazzjoni. Is-Sindku qal li din m'għandiex tiġi mehuda hekk. Is-Sindku qal ukoll li kull laqgħa dejjem saret bi ħsieb għall-interess tal-lokalita. Qal ukoll li kien qed jitlob lill-Kunsilliera L. Cassar Shaw biex tikkomunika mal-Ministeri konċernati, għaliex għanda *intergovermental link* bħala waħda mir-responsabbilitajiet.

4.7 Il-Kunsillier J. Pillow tkellem dwar il-kamra tal-ex Berga li tinsab fi Triq Rudolfu u informa li ghandhom jghatuna ċ-ċwievet. *Ex-Berġa*

## 5. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

5.1 Ma kienx hemm aktar suġġerimenti

## 6. AĠĠORNAMENT

6.1 Is-seduta ntemmet fit-8pm. Seduta oħra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 19 ta' Jannar 2016 fis-6pm.

Minuti approvati llum 19/01/2016

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**